Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2871

8.11.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2871

## tal-5 ta' Novembru 2024

## li taħtar membru, propost mir-Renju tal-Belġju, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [1],

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Belġjan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fit-12 ta' Marzu 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2024/863 [2], li taħtar membru, propost mir-Renju tal-Belġju, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Oliver PAASCH, sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Belġjan ippropona lis-Sa Liesa SCHOLZEN, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Abgeordnete im Parlament der Deutschsprachigen Gemeinschaft Belgiens* (Membru tal-Parlament tal-Komunità Ġermanofona tal-Belġju), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Is-Sa Liesa SCHOLZEN, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali, *Abgeordnete im Parlament der Deutschsprachigen Gemeinschaft Belgiens* (Membru tal-Parlament tal-Komunità Ġermanofona tal-Belġju), hija b'dan maħtura membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

VARGA M.

---

[1] ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13 (ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj).
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/863 tat-12 ta' Marzu 2024 li taħtar membru, propost mir-Renju tal-Belġju, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L, 2024/863, 15.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/863/oj).